

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tikkonstata li, billi naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u applikata lill-imħallfin li nħatru fil-Qorti Suprema qabel it-3 ta' April 2018, u billi tat lill-President tar-Repubblika tal-Polonja d-dritt li jestendi l-mandat pendenti ta' mħallfin fil-Qorti Suprema, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twestaq l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-ustawa z dnia 8 grudnia 2017 r. o Sądzie Najwyższym (il-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema), li tnaqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin li huma preżentement fis-servizz, u li nħatru fil-Qorti Suprema qabel id-data tad-dħul ta' din il-liġi (3 ta' April 2018), jiksru l-prinċipju ta' irremovibbiltà tal-imħallfin.

It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li jagħtu lill-President tar-Repubblika tal-Polonja d-dritt li jestendi l-mandat pendenti ta' mħallfin fil-Qorti Suprema, jiksru l-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 – L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**(Kawża C-620/18)**

(2018/C 427/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż***Partijiet**

Rikorreni: L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér, M.M. Tátrai u G. Tornyai, aġenti)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi; ⁽¹⁾ sussidjarjament;
- tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn dawn jistabbilixxu l-punt (ċ) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71/KE.
- tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn dawn jinserixxu il-paragrafu 1a fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE.
- tannulla l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- tannulla l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u barra min hekk:
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Gvern Unġeriz jibbaża r-rikors tiegħu fuq ħames motivi:

1. Fl-ewwel lok, il-Gvern Unġeriz jallega fir-rikors tiegħu li d-direttiva kkontestata ma ġietx adottata fuq il-bażi legali adatta, premess li, b'kont meħud tal-għan u l-kontenut tagħha, tali direttiva — billi tidderoga mill-awtorizzazzjoni leġislattiva stabbilita, fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fl-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE, imsemmija fid-direttiva bħala bażi legali — hija intiża esklużivament, jew tal-inqas b'mod prinċipali, għall-protezzjoni tal-ħaddiema, u għaldaqstant il-leġislatur tal-Unjoni kien imissu adotta d-direttiva fuq il-bażi tal-Artikolu 153 TFUE jew, tal-inqas, ibbaża ruħu essenzjalment fuq din l-aħħar imsemmija bażi legali (l-ewwel motiv tar-rikors).
2. Fit-tieni lok, skont il-Gvern Unġeriz, id-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 153(5) TFUE, li jeskludi l-fakultà leġislattiva tal-Unjoni fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-remunerazzjonijiet fil-kuntest tar-relazzjonijiet lavorattivi, sa fejn il-leġislatur tal-Unjoni, billi stabbilixxa li r-remunerazzjoni tal-ħaddiema għandha tkun konformi mal-leġislatzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru ta' kollokament, adotta liġi li essenzjalment tagħmel riferiment għar-remunerazzjoni tar-relazzjoni lavorattiva. Il-leġislatur tal-Unjoni għażel il-bażijiet legali indikati fid-direttiva kkontestata peress li kien konxju li, fl-assenza ta' kompetenza tal-Unjoni, din kienet l-unika possibbiltà sabiex jirregola l-kwistjoni tar-remunerazzjonijiet, li tikkostitwixxi waħda mill-elementi essenzjali ta' din id-direttiva, u b'hekk wettaq użu ħażin ta' poter (it-tieni motiv tar-rikors).
3. Fit-tielet lok, il-Gvern Unġeriz iqis li d-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li jstabilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi l-obbligi u r-restrizzjonijiet imposti minn din id-direttiva fuq l-imprezi stabbiliti fi Stat Membru li jikkolkaw ħaddiema fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi huma diskriminatorji, mhux neċessarji u sproporzjonati meta mqabbla mal-għan li jfittxu li jilhq. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni fid-direttiva kkontestata fil-qasam tat-trasport tmur kontra l-Artikolu 58(1) TFUE (it-tielet motiv tar-rikors).
4. Fir-raba' lok, il-Gvern Unġeriz iqis li d-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li jstabilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi d-direttiva teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-eżerċizzju ta' tali libertà sa fejn din tirreferi għall-eżerċizzju tad-dritt għal strajk u għal azzjonijiet oħra previsti fis-sistemi tar-relazzjonijiet lavorattivi tal-Istati Membri, kif ukoll għall-eżerċizzju tad-dritt għal negozjati, konklużjoni u infurzar ta' ftehimiet kollettivi u li jiġu istitwiti azzjonijiet kollettivi (ir-raba' motiv tar-rikors).
5. Fil-ħames lok, id-direttiva kkontestata tmur kontra r-Reglament (KE) Nru 593/2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, ⁽¹⁾ kif ukoll kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ċarezza leġislattiva, sa fejn din tbiddel l-applikazzjoni tar-Reglament Nru 593/2008 mingħajr ma tbiddel it-test leġislattiv ta' dan l-aħħar, u b'hekk toħloq inċertezza legali kunsiderevoli fir-rigward tal-applikazzjoni korretta tar-reglament. Id-direttiva kkontestata tmur ukoll kontra l-prinċipji ta' ċarezza leġislattiva u, konsegwentement, ta' ċertezza legali minħabba n-nuqqas, fid-direttiva kkontestata, ta' determinazzjoni tal-kunċett ta' remunerazzjoni u l-inċertezzi dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett (il-ħames motiv).

⁽¹⁾ ĠU L 173, p. 16.

⁽²⁾ ĠU 2008, L 177, p. 6.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-628/18)

(2018/C 427/41)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Scharf, G. von Rintelen, B. Rous Demiri)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja